**4 ta' Marzu, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Avvocato Dottor Antonio Caruana

*versus*

Dottor Edgar Buhagiar ne.

**Ritassa — Integrità tal-Ġudizzju — Liberazzjoni "ab observantia" — Kjamata fil-Kawża — Appell — Art. 231(3) u 960 tal-Kap. 15.**

*F'kawża ta' ritassa ta' drittijiet għandhom jiġu magħmula parteċipi l-persuni kollha nteressati, fosthom id-difensuri tal-partijiet fil-kawża li għaliha tirriferixxi r-ritassa. Diversament, il-ġudizzju ma jkunx integru.*

*Imma, meta jkun hemm dan in-nuqqas ta' ntegrità tal-ġudizzju, u l-Qorti tirrikonoxxi l-interess ta' dawk id-difensuri li ma ġewx imħarrka fil-ġudizzju tar-ritassa, issir doveruża l-kjamata fil-kawża ta' dawk id-difensuri, u ma jkunx il-każ li l-Qorti tilliberа "ab observantia". Il-fatt li l-attur isostni li kien biżżejjed li jiġu mħarrkin il-persuni li hu fil-fatt ħarrek hu fattur influwenzjali fuq il-kap tal-ispejjeż, imma bl-ebda mod ma jiġġustifika l-provvediment tal-liberazzjoni "ab observantia" minflok dak tal-kjamata fil-kawża.*

*U billi, meta l-Qorti tal-Appell tirrevoka sentenza li tkun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell li tiddeċidi l-kawża hija stess jew tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti, skond iċ-ċirkustanzi, f'każ simili huwa l-każ li din id-diskrettiva tiġi eżerċitata fis-sens tar-rinviju, biex l-Ewwel Qorti tordna l-kjamata fil-kawża tal-persuni li ma ġewx imħarrkin mill-bidu u tiddeċidi l-kawża fil-ġudizzju hekk integrat; u dan stante illi l-kjamata fil-kawża fl-appell ma tistgħax issir.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċiazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress illi, relattivament għas-sentenzi mogħtijin fil-kawża ċitazzjoni Nru. 35 tal-1962 fl-ismijiet "Avukat Dottor Antonio Caruana vs. Lawrence Delia", mill-Qorti Ċivili (Prim'Awla) fis-7 ta' Frar 1962. u mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1962, il-konvenut Dr. Edgar Buhagiar nomine ntaxxa dritt ta' 7s. 6d għar-Reġistru u £2 għad-difensuri. relattivament għas-sentenza tal-Prim'Awla, u dritt ta' 10s. għar-Reġistru u ta' £2. 13s. 4d għad-difensuri rigward is-sentenza tal-Appell, u dan għal dikjarazzjoni fuq in-nullità tad-depożiti magħmulin mill-konvenut Delia; u ntaxxa wkoll 5s. dritt tar-Reġistru u 10s. dritt għad-difensuri għar-rigward tad-digriet tas-7 ta' Frar 1962 (taxxa Dok. A; kopja Dok. B mill-Ktieb tat-Tassazzjoni); peress illi, la s-sentenza tal-prima istanza, u lanqas is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, ma fihom id-dikjarazzjoni, u ma ddeċidewx relattivament għall-validità o meno tad-depożiti fuq imsemmija, kif hemm rikjest mit-tariffa G. no. 22 annessa mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u peress illi l-attur f'dik il-kawża ma talabx li jiġi mogħti digriet fuq id-domanda tiegħu għall-produzzjoni tax-xhieda, kif huwa

rikjest mill-art. 559(2) tal-istess Kodiċi; u peress li l-Qorti tal-Prima Istanza ma rregolat xejn rigward l-ispejjeż in meritu għal dak id-digriet; jitlob illi tiġi ordnata r-ritassa tad-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri relattivament għas-sentenzi tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla) u tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija, fis-sens li jkunu esklużi mit-tassazzjoni d-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri taxxati mill-konvenut Dottor Edgar Buhagiar għad-digriet tas-7 ta' Frar 1962 u għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Diċembru 1962, li biha, wara li ordnat li permezz tar-Reġistratur il-kliem kollu fir-raba' paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur ġa msemmija jiġi mħassar, u dan bi spejjeż tal-attur, laqgħet l-*eċċezzjoni* tal-konvenut Delia li l-ġudizzju mhux integru, u konsegwentement illiberat lill-istess konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur;

Dik il-Qorti kkunsidrat, fuq preġudizzjali opposta tant mill-konvenut Delia kemm mill-konvenut *Dottor* Buhagiar nomine;

Illi fl-ewwel eċċezzjoni rispettiva tagħhom dawn il-konvenuti jissottomettu li l-ġudizzju mhuwiex integru, għaliex tonqos il-preżenza tad-difensuri tal-konvenut Delia; għal din ir-raġuni, dan l-aħħar konvenut jitlob il-liberatorja "ab observantia". Bin-nota ta' osservazzjonijiet minnu preżentata fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru 1962 l-attur jirrileva li din l-eċċezzjoni hija nsostenibbli, għaliex minn ebda artikolu tal-liġi ma jidher li f'każ ta' ritassa d-difensuri għandhom jiġu konvenuti bħala parti; li fil-fatt hu ma kellu, u ma għandu, ebda relazzjoni ġuridika ma' dawn id-difensuri; u ċ-ċitazzjoni tagħhom kienet tista' tiġi opposta bħala ozjuża, u l-ġurisprudenza ċitata mill-konvenuti ma stabbilietx ħlief il-prinċipju ta' prudenza li jixtieq illi d-difensuri jiġu konvenuti jew kjamati in kawża; li d-domanda tal-konvenut Delia għal-liberatorja "ab observantia" hija vessatorja, u saret mill-Avukat Dr. Mallia u P.L. Benedict Dingli, difensuri tal-konvenut Delia, li kienu wkoll difensuri tiegħu fil-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni li għaliha tirri-

ferixxi r-ritassa, biex biha jaqdu l-interessi tagħhom, u mhux l-interessi tal-konvenut minnhom patroċinat, li lilu, anzi, qegħdin in aġġunta jesponu għall-kundanna fl-ispejjeż tal-eċċezzjoni; li l-konvenut Dr. Buhagiar nomine ma għandu ebda nteress ġuridiku li jissolleva, kif għamel, din l-eċċezzjoni;

Illi huwa ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li f'kawża ta' ritassa għandhom ikunu parti l-interessati kollha, u li fost dawn l-interessati hemm id-difensuri tal-partijiet. Infatti, kif ġie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Novembru 1866, in re "Cuschieri vs. Delia", "è vero che un diritto possa essere ritassato quando si credesse erroneo, ma la ritassa deve essere fatta regolarmente e con citazione degli interessati." Fil-kawża in re "Libreri vs. Staines", deċiża fid-29 ta' Ottubru 1935, din il-Qorti rriteniet li f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet id-difensuri għandhom interess. U wkoll din il-Qorti, fit-12 ta' Frar 1946, in re "Falzon vs. Vella", irriteniet li f'kawża ta' ritassa għandhom ikunu parti dawk kollha li huma nteressati fil-kawża li dwarha ssir ir-ritassa, u li fost dawk l-interessati hemm id-difensuri tal-partijiet. L-istess prinċipju ġie enunċjat minn din il-Qorti fl-14 ta' Ġunju 1958, in re "Caruana vs. Buhagiar", billi ġie ritenut li f'kawża ta' ritassa ta' drittijiet dawn għandhom interess impliċitu li ndirettament jirrifletti fuq l-interess tagħhom għall-propina li tkun ħaqqhom;

Illi mill-premess jevinċi ndubbjament, darba li d-difensuri tal-konvenut Delia fil-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni mhumiex parti fil-kawża odjerna, illi l-ġudizzju mhux integru, u hemm lok għal-liberatorju mitluba mill-konvenut Delia;

Illi r-riljevi fuq imsemmija tal-attur mhumiex aċċettabbli. Il-ġurisprudenza fuq ċitata nsenjat awtorevolment il-prinċipju, mhux ta' prudenza jew deżiderju, imma ta' neċessità inevitabbli, li f'kawża ta' ritassa jkunu preżenti bħala parti d-difensuri tal-partijiet; u dan huwa evidenti, għaliex f'kawża simili, bħal ma hija l-odjerna, tintalab ir-ritassa mhux biss tad-dritt tar-Reġistru, imma wkoll ta' dak tad-difensuri, u kwindi l-istess difensuri għandhom interess li jkunu preżenti biex jiżviluppaw ir-raġunijiet tagħhom favur jew kontra l-pretensjoni tal-attur. Ħadd aktar

mill-attur ma huwa a konjizzjoni li d-difensuri tal-partijiet fil-kawża ndikata fiċ-ċitazzjoni għandhom, u kellhom mill-bidu, jkunu parti fil-kawża odjerna, u illi ċ-ċitazzjoni tagħhom ma kienetx tista' tiġi opposta bħala ozjuża. Fil-kawża l-aħħar waħda fuq ċitata, deċiża minn din il-Qorti il-14 ta' Ġunju 1958, l-attur, li kien l-attur odjern, iċċita bħala parti d-difensuri tal-konvenut, u dawn id-difensuri eċċepew, fost ħwejjeġ oħra, li kienu ġew ċitati ħażin għaliex ma kellhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, imma l-Qorti rriteniet li kien għamel sewwa l-attur li ħarrek lid-difensuri tal-konvenut, u kkundannat lill-istess difensuri eċċipjenti jħallsu l-ispejjeż tagħhom. Huwa veru li jidher li sal-lum l-ommissjoni da parti tal-attur li jiċċita d-difensuri tal-parti konvenuta f'kawża ta' ritassa ġiet indulġentement, almenu f'dawn l-aħħar snin, sanata bil-kjamata in kawża tal-istess difensuri, imma hija fehma ta' din il-Qorti, di fronti għall-prinċipju fuq imsemmi, segwit tul tant żmien mill-ġurisprudenza nostrali, u b'ċertezza konoxxut mill-attur, li f'dan il-każ ma għandhiex takkorda lill-attur dan il-benefiċċju. Apparti li ma jispettax lill-attur jgħid jekk il-konvenut Dr. Buhagiar għandux jew le nteress ġuridiku jissolleva l-eċċezzjoni in diżamina għaliex dak li lilu jispetta huwa biss li l-istess eċċezzjoni jivvulneraha bil-mod li trid il-liġi, jew li jirrikonoxxiha bħala fondata, l-imsemmi konvenut għandu dan l-interess, ċjoè l-interess li jsegwi l-prinċipju stabbilit konstantement mill-ġurisprudenza, kif ukoll li jkun u jieħu parti fil-kawża, sa fejn ikun permess skond il-liġi, kull min jidhirlu li jkun f'pożizzjoni li jsostni r-raġunijiet tiegħu;

Illi, kif ġie verbalizzat fis-seduta tal-14 ta' Novembru 1962, l-Avukat Dr Paul Mallia u l-P.L. Benedict Dingli oġġezzjonaw, bħala li jikkontjeni riflessjoni ħażina fuqhom, għall-penultimu paragrafu tan-nota fuq imsemmija tal-attur, u talbu li l-istess paragrafu jiġi kanċellat. Din id-domanda tiġi milqugħa. L-oġġezzjoni taż-żewġ difensuri msemmija hija ġusta u raġjonevoli, għaliex l-imsemmi rilijev fil-paragrafu ndikat huwa offensiv u nġurjus għalihom, billi bih l-attur mhux qiegħed merament jallega li l-eċċezzjoni sollevata minnhom hija vessatorja, imma qiegħed jagħti wieħed x'jifhem anzi qiegħed josserva espliċitament, li dik l-eċċezzjoni ma ġietx mogħtija mill-konvenut Delia, imma minnhom, u hija vessatorja, għaliex ġiet minnhom sollevata mhux għal xi raġuni valida fil-liġi, imma fl-inte-

ress tagħhom, u biex biha jinqdew huma, u mhux fl-interess tal-konvenut minnhom patroċinat, anzi a detriment tiegħu, billi biha huma qegħdin jesponuh għall-kundanna tal-ispejjeż relattivi. Kif irriteniet din il-Qorti fl-4 ta' Marzu 1954, in re "Baldacchino vs. Borg Olivier", skond prinċipji biżżejjed magħrufa, l-iskritturi fi proċedimenti legali huma tutelati bi privileġġ assolut, però ma jistgħux jiġu wżati fl-iskrittura, kif lanqas fit-trattazzjoni tal-kawża, kliem inġurjus jew offensiv li ma jkunx meħtieġ għall-kawża, u l-Qorti hija awtorizzata tordna, anki "ex officio", li kliem simili jiġi mħassar mill-iskritturi fejn ikun ġie wżat;

Rat in-nota tal-appell tal-attur fol. 24, u l-petizzjoni tiegħu fol. 25, li biha talab li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilqa' t-talba kif oriġinarjament proposta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti rrijaffermat il-prinċipju, sanċit fil-ġurisprudenza minnha ċitata (li din il-Qorti taqbel magħha), fis-sens li fil-kawżi ta' ritassa għandhom jiġu magħmula parteċipi fil-ġudizzju anki d-difensuri tal-partijiet fil-kawża oriġinali;

Illi, ladarba dik il-Qorti rrikonoxxiet l-interess tad-difensuri, kien isegwi li l-kjamata in kawża tagħhom saret dover (Kollez. Vol. XXIII-I-154);

Illi f'dan il-każ ma kienx hemm l-ostakolu illi ġie oriġinarjament imħarrek xi ħadd li ma kellux interess affattu, għax iċ-ċitati (Reġistratur u kontroparti) indubbjament għandhom interess; imma kien il-każ li kien hemm persuna oħra b'komunanza ta' nteress (Kollez. XXIX-II-706, u ġurisprudenza ġa ċitata);

Illi f'dawn il-kontinġenzi ta' dritt ma kienx hemm lok għal-liberatorja "ab observantia". Il-fatt li l-attur kien isostni, kif baqa' jsostni (ara verbal tat-8 ta' Frar 1963), li kien biżżejjed li jkunu ċitati dawk minnu konvenuti hu, kif sejjer jingħad fattur influwenzjali "in librandis expensis", imma bl-ebda mod ma kien jiġġustifika l-Ewwel Onorabbli

Qorti li, minflok tikkjama in kawża lid-difensuri, tillibera "ab observantia". Bil-fatt tal-kjamata in kawża dik il-Qorti kienet tkun qegħdha tirrespinġi l-assunt tal-attur dwar l-integrità tal-ġudizzju;

Illi għalhekk kien imissha ġiet ordnata l-kjamata in kawża tad-difensuri, ċjoè ta' dawk tal-konvenut Delia (Avukat Dr. Paul Mallia u Prokuratur Legali Benedict H. Dingli) u ta' dawk tal-attur, ċjoè tal-Prokuratur Legali Giuseppe Galdes, peress li, kwantu għall-avukat, l-attur kien awtopatroċinat;

Ikkunsidrat;

Illi hi liġi (art. 231(3) Kod. Proċ. Ċiv.) li, meta din il-Qorti tal-Appell tirrevoka sentenza li tkun illiberat "ab observantia", allura hu mħolli fid-diskrezzjoni tagħha jekk tiddeċidix hija l-meritu jew tirrinvijax l-attijiet lill-Ewwel Qorti, skond iċ-ċirkustanzi. Fil-każ preżenti, din id-diskrettiva għandha tiġi eżerċitata fis-sens li jkun hemm ir-rinviju, għaliex hu opportun li ssir il-kjamata in kawża mill-Ewwel Onorabbli Qorti, stante li skond il-liġi (art. 960 ibid.) din ma tistgħax issir in sekonda istanza;

Ikkunsidrat, dwar il-kap tal-ispejjeż;

Għall-ispejjeż li ġew inkorsi ta' lok l-attur, bl-insistenza tiegħu li l-ġudizzju kien integru, non ostante l-pronunċjati tal-ġurisprudenza in kuntrarju; u ta lok ukoll il-konvenut Delia bit-talba tiegħu għal-liberatorja. Il-konvenut Dottor Buhagiar ma talabx il-liberatorja imma attjena ruħu korrettament għar-riljev li l-ġudizzju ma kienx integru; jidher, għalhekk, ekwu li l-ispejjeż jiġu ripartiti "uti infra";

Għalhekk tiddeċidi billi tipprovdi fuq l-appell fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-attijiet jiġu rinvijati lill-Ewwel Onorabbli Qorti, bid-direttiva li hija tagħmel il-kjamata in kawża fuq imsemmija u li tiddeċidi l-kawża fuq il-ġudizzju kif ikun integrat;

L-ispejjeż tal-ewwel u tat-tieni istanza jinqasmu nofs kull wieħed bejn l-attur u l-konvenut Delia, inklużi l-ispejjeż tal-konvenut Dottor Buhagiar, li, f'dik il-proporzjon, għandhom jitħallsu minnhom.